

- tannulla d-deċiżjoni tal-20 ta' Mejju 2021 (CS-PERS/HROPS/BAP/2021-0360), innotifikata lill-avukat tar-rikorrenti fit-8 ta' Ġunju 2021 flimkien man-nota tas-27 ta' Frar 2012;
- tikkundanna lill-Bank Ewropew tal-Investment għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, tal-ksur tal-Artikolu 31 tar-regoli interni tal-BEI, tal-Artikoli 6 u 11 tal-Protokoll Nru 5 dwar l-Istatut tal-BEI, fuq l-assenza ta' bażi legali u tal-eċċezzjoni ta' illegalità, skont l-Artikolu 277 TFUE, tal-punt 2.1.1 tad-dispożizzjonijiet amministrattivi.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw *ratione temporis* il-kollokament tal-persunal tal-BEI, ta' tibdil unilaterali ta' kuntratt li jmur kontra r-regoli ġenerali dwar l-ugwaljanza tal-partijiet fir-relazzjoni kuntrattwali kif ukoll ta' ksur tad-dmir ta' premura.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-użu ħażin ta' poter.

---

### Rikors ippreżentat fl-10 ta' Marzu 2022 – Sport1 vs EUIPO – SFR (SFR SPORT1)

(Kawża T-141/22)

(2022/C 191/45)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: Sport1 GmbH (Ismaning, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Krekel u C. Otto, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Société française du radiotelephone – SFR (Pariġi, Franza)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea SFR SPORT1 bl-aħmar, l-abjad u l-iswed – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 161 317

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Diċembru 2021 fil-Każ R 2329/2020-1

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2022 – OP vs Il-Parlament****(Kawża T-143/22)**

(2022/C 191/46)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* OP (rappreżentant: F. Moyses, avukat)*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjonijiet tas-7 ta' Ġunju 2021 u tal-10 ta' Jannar 2022, inkella tiddikjarahom nulli u bla effett;
- konsegwentement, tagħti lir-rikorrenti d-dritt li tibbenefika minn pensjoni tas-superstiti kif iddefinita mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 79 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
- konsegwentement, tagħti lis-Sur [kunfidenzjali] <sup>(1)</sup> id-dritt li jibbenefika minn pensjoni tal-orfni kif iddefinita mill-Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal. Inkella, sa fejn ikun meħtieġ, tagħti lis-Sur [kunfidenzjali] il-pensjoni tal-orfni prevista fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 80 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
- fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż tal-istanza.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikoli 18 u 20 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal") li tirriżulta minn ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u minn diskriminazzjoni bbażata fuq l-età.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikoli 18 u 20 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni li jirriżulta min-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni partikolari tar-rikorrenti.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal minħabba diskriminazzjoni bbażata fuq id-diżabbiltà.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal.
6. Is-sitt motiv, imqajjem b'mod sussidjarju, ibbażat fuq il-ksur tad-dmir ta' premura tal-amministrazzjoni.

---

<sup>(1)</sup> Informazzjoni kunfidenzjali moħbija.